# Lejl il-Milied f'Betlehem

Minn Ġerusalem għal Betlehem, dari, jekk tmur bil-mixi, kont tasal qisek f'siegħa, u jekk tmur bil-karrozza, f'għaxar minuti jew tnax. Għax it-tul tat-triq kien qisu ħamest imjiel. It-triq tal-lum, li saret wara l-ġlieda tal-Lhud u l-Għarab (jew tal-Għarab u l-Lhud, għax ma tafx min bdieha; u dik ma kenitx *gwerra*, imma ġlieda, kiefra u waħxija) hi twila xi daqs l-oħra d a r b t e j n b'qatiegħ tliegħi u nżieli u dawrien. Għal hekk biex tasal Betlehem minn Ġerusalem, trid xi nofs siegħa bil-karozza, u bil-mixi ma jaqbelx tmur.

ftit tfal. Nies għorba, u nies tal-pajjiż. Min liebes hekk, u min liebes hekk. Patrijiet u sorijiet ta' kull ġins, u qassisin, tgħidx kemm. M'hemmx għaliex issaqsi fejn sejrin: sejrin Betlehem, biex iżuru l-Għar Imqaddes li fih twieled Ġesù, u jgħidu hemm xi talba, għaliehom u għal qrabathom u ħbiebhom, u jħossu xi ftit minn dak il-ferħ u l-hena li ħassewhom ir-rgħajja, li raw it-Tarbija Mqaddsa l-ewwel nies.

Il-karozzi ġejjin u sejrin; ijħottu, u jitilqu, u n-nies dejjem jiżdiedu. Jidħlu l-Bażilka, ijżuru l-Għar Im-



*Dehra ta' Betlehem. Tidher it-triq li jitilgħu l-karozzi minnha sa qrib il-Bażilka. Il-Għar Imqaddes jinsab taħt l-art bejn dawk iż-żewġ kanpnari li jidhru fir-ritratt.*

Imma hemm karozzi tal-*linja*, tajbin u rħas, u jitilqu waħda wara l-oħra bla dewmien. Il-ħlas hu tliett igrux biex tmur, u daqs hekk ieħor biex tiġi. Girx huwa tliet karnijiet ta' Malta. Mela, tmur Betlehem minn Ġerusalem, u tiġi, jagħmlu d i s a ' rbajja sew; għoxrin mil, bil-karozza, b'xelin u tliet soldi, irħis.

Fil-Milied, il-karozzi ta' Betlehem, minn Ġerusalem, ikunu mimlijin daqs balla bin-nies. Bil-qegħda u bil-wieqfa. Irġiel u nisa l-aktar, u xi

qaddes, u joħorġu barra fil-misraħ, l-aktar jekk ikun it-tjieb. Jitgħaxxqu bil-ġmiel tas-Siġra l-Immejla, kif tkun mixgħula bid-dwal imżewqa, tal-elettriku, hemm, quddiem il-Bazilka. Jaqraw il-kliem ilellex fuqha: MERĦEBA. KULL GĦAM W-ANTOM B'ĦAJR, bil-Għarbi; u l-ieħor bl-Ingliż: WELCOME: HAPPY CHRISTMAS TO YOU. Jew ijmorru l-kappella tal-Ħalib, hemm wara, ftit bgħid mill-Bażilka. Barra tkun ir-reżħa, imma meta tkun timxi 'l

hawn u 'l hemm, u tgħaġġel, taħmilha u ma tħosshiex.

Ikun hemm ukoll ħafna Pulizija Ġordanija. Somor, żgħażagħ, lebsin pulit u sbieħ. Hemm, weqfin tnejntnejn jitħaddtu jew ijħarsu, għalli jista' jkun.

Il-funzjoni tal-Milied ma ssirx ġewwa l-Bażilka. Issir fil-knisja tal-Parroċċa ta' Betlehem, il-knisja ta' santa Katarina. M'hux fil-Bażilka, tesagħhom il-koll. Lejliet il-Milied, kif jidħol il-lejl, tkun mimlija binnies, bil-qegħda u weqfin, ijħarsu u jitħaddtu minn taħt il-lsien. Kull imkien mimli, fin-nofs u mal-ħitan, u ma jidħrux ħlief irjus; kull fejn tħares tara r-rjus; mgħottija jew mikxufa; fratas jew bix-xagħar. Imma l-aktar li jagħtu fil-għajn ir-rjus mgħottija bi star abjad, tan-nisa xjuħ Betlehmija, li għadhom jilbsu



*Betlehem — FEJN SARET IL-ĠRAJJA. Il-Għar Imqaddes ta' Betlehem, fejn twieled Ġesù. Ritratt meħud bil-lejl, bid-dawl artifiċjali.*

le. Hemm ħadd ma jagħmel festa. Għaliex? Għan-nuqqas ta' ftehim tal-Insara, li hu ikraħ, u ta' għajb, quddiem il-Misilmîn. Imma l-knisja ta' santa Katarina kbira ġmielha, u sabiħa wkoll, u qriba lejn il-Għar. Kienet mibnija l-ewwel mis-Salibijin, u wara l-Franġiskani ħattewha u bnewha akbar milli kienet, għax l-Insara ta' Betlehem żdiedu, u ma baqgħetx fuq id-drawwa l-qadima, ħa' jgħidu li jridu n-nies.

In-nies dejjem ġejjin; u jidħlu filknisja, u jiżdiedu, u jirtassu biex jaraw xi ħaġa. Din ir-rassa ta' nies kollha, u hemm xi siġġijiet; siġġijiet sbieħ, battala quddiem il-Presbiterju. Iwa, imma dawk dal-waqt jimtlew; għax dawk jinsabu hekk biex joqogħdu fuqhom il-Konslijiet li dalwaqt

jaslu minn Ġerusalem għal quddiesa l-kbira imżejna bi lbies ilellex, u sidirhom miksi bil-medalji tal-fidda u tad-deheb.

Fil-kor jibda l-matutin, imkan'a mir-Rħieb Franġiskani u l-Kjierki tagħhom. Fuq tronn sabiħ bil-qegħda, l-Patrijarka, imdawwar b i l kanonki tiegħu, li għandu l-akbar sehem fiċ-ċerimonja. Ma' nofs il-lejl tibda l-quddiesa l-kbira, u m a l l i l-Patrijarka jkanta l-*Glorja*, tixgħel kewba kbira fil-għoli, imdendla massaqaf tal-knisja, u fuq l-artal jinkixef ħlewwa ta' Bambin. Bambin mimdud fuq marqad tad-deheb, rasu mitkija fuq imħadda tal-ħarir abjad, imbissem, u fuq wiċċu dehra tal-



*Betlehem* — *FEJN ISSIR IT-TIFKIRA. L-artal il-Kbir tal-Knisja ta' Santa Katarina, qrib il-Għar ta' Betlehem, waqt il-Quddiesa ta' Nofs il-lejl tal-Milied.*

ġenna. Dan hu l-aqwa ħin. Din hi l-aqwa siegħa. Dan hu t-tokk tal-Milied f'Betlehem. *Glorja* ! *Glorja* u *Pax*. Sebħ u Sliema, f'l-art u s-Sema, u kull imkien !

Jgħaddi ftit tal-ħin u tibda miexja l-purċissjoni. Minn fuq l-artal il-kbir għal ġewwa l-knisja. Minn ġewwa l-knisja għal kjostru; mill-kjostru għal mimxiet tad-Dejr. Mill-mimxiet, għal Bażilka, u mill-Bażilka għal ġewwa l-Għar. Ġewwa l-Għar ma hemmx wisq wisa', għal hekk ftit jista' jidħlu nies. Il-Patrijarka, u ta' ma' dwaru, u l-kbarat biss. Kull ħadd jixtieq jidħol, imma ma jistax ikun. Il-Patrijarka jmidd il-Bambin taħt l-artal, fuq il-kewkba tal-fidda, u d-djaknu jkanta l-Evanġelu. Jieħdu l-Bambin minn taħt l-artal jqegħduh ġewwa l-maxtura, u l-purċissjoni targa' lura mnejn ġiet.

Imbagħad, fl-artal tal-Franġiskani, fil-Għar, jibda l-quddies. Quddiesa wara l-oħra. Issa kull ħadd jista' jidħol, jisma' l-quddies u jitqarben, jekk irid. U hekk ikollu tifkira: li sama' l-quddies u tqarben f'lejl il-Milied fil-Għar ta' Betlehem. Tifkira li ma tintesa qatt.

NINU.

# EKONOMIJA.

Darba waħda, kif daħal id-dar Ġaħan, fil-għaxija, ra lil mara bilgeddum. Kellimha, ċaqalqet rasha u ma weġbitux. Iwa x'għandek illejla?" saqsieha. "Jewilla ma tiflaħx?"

"Irridek tagħtini l-flus biex nixtri libsa ġdida !" weġbitu l-mara. "Kif?" raġa Ġaħan, "Trid libsa ġdida oħra? M'ilekx li għamilt waħda"

"Il-libsa li għamilt l-aħħar issa lbistha għaxar darbiet. Jekk narġa' nilbisha, in-nies tal-ħara jaħsbu li m'għandix libsa oħra x'nilbes. Trid ittini l-flus biex nixtri oħra. Din li għandi nisthi nilbisha !"

"Le ! Flus ma nagħtikx'', raġa Ġaħan. "Ara x'nagħmlu. għada nġib il-ħaddiema ijħottulna d-dar u jibnuħielna fi triq oħra, fejn in-nies ma rawkx b'din il-libsa. Hekk tkun tista' terġa' tibda tilbisha hemmhekk".

# BĦAL XULXIN!

Darba Ġaħan ġie mix-xogħol ftit bikri, u billi kien it-tajjeb, ix-xemx fietla u r-raba jħaddar, ħareġ idur dawra qrib ir-raħal sa kemm il-mara sajjar il-ħubbejża. Kellu tifel ta' xi seba snin, u ħadu miegħu wkoll, iżommlu idu.

Kif kienu mexjin, ġewwa għalqa raw żewġt iħmir weqfin, ħada x-xatba: ħmar kbir u ħmar żgħir. Ġaħan għoxa fuqhom, daqs kemm kienu sbieħ, u waqaf iħares lejhom. Wara ftit saqsa lit-tifel: "Ibni, taf tgħidli x'għażla hemm bejn il-ħmar il-kbir u l-ħmar iż-żgħir?"

"L-istess għażla li hemm bejni u bejnek'', wieġbu t-ifel, u ġibdu minn idu biex jibqgħu sejrin.